MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16/09

**Il-Ħamis 6 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

16.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

16.4 Arranġamenti fil-Pjazza tal-Gudja;

16.5 Sejħa għall-offerti: Xiri tal-van għal komunita';

16.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

16.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

16.8 Rapporti;

16.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

16.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti
## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 16.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' apoloġija.

### 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 14/09 u 15/09 nem con.

**16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

16.3.1 Is-Sindku għamel referenza għal magna tal-BCRS fejn is-Sindku nforma lil dawk preżenti li huwa ġie nfurmat mingħand is-Sur Vella mill-CEMalta sabiex din il-magna titressaq fil-lokalita' ta' Ħal-Għaxaq flok minn fejn qegħda. Is-Sindku żied jgħid li huwa propona biex din il-magna tersaq lejn Sqaq Xlejli. Minn naħa tagħhom ġie proponut ukoll li l-magna titressaq lejn Ġnien iż-Żgħażagħ fejn il-Kunsill qabel li hemm ukoll ser tkun qed idejjaq ir-residenti. Il-Kunsillier S Caruana propona li tersaq fi Triq il-Gudja. Is-Sur Caruana qal ukoll li l-Kunsill propona diversi siti fejn tista' tiġi. Is-Sindku qal li fuq Sqaq Xlejli fejn TM qalu li triq tidjieq u trakkijiet ma jgħaddux. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jitlob laqgħa mall-perita Conti minn TM.

16.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kienu twaħħlu tabelli fuq dik il-ħamrija ta' Triq Ħal Resqun sabiex ma jitħallewx karozzi pparkjati.

16.3.3 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' tal-Karnival fil-Gudja fejn qal li kienet attivita' tajba għall-ewwel darba li saret fir-raħal tal-Gudja. L-ispiża ġiet tammonta għal madwar sebgħa t'elef ewro. Il-Kunsilliera kollha qabblu li kienet attività tajba u sabiex il-Kunsill jerġa' japplika darb'oħra għal fondi biex titella' attività simili s-sena dieħla.

16.3.4 Ġiet preżentata kwotazzjoni sabiex isir żbir ta'palma u rranġar ta' ċint f'din l-istess żona fi Triq Ħal-Tarxien. Din il-kwotazzjoni ġiet approvata minn dawk preżenti.

16.3.5 Is-Sindku qal li ser jitlaqa' ma' rappreżentant mill-kumpanija Alberta biex tingħata kwotazzjoni għall-cctv taħdem bis-solar. Din il-kwotazzjoni qed tintalab biex jiġu nstallati kameras fl-area ta' Loreto.

16.3.6 Is-Sindku preżentata poster ta' wirja ta' vari li ser tkun qed issir fil-Knisja ta' Bir Miftuħ matul iż-żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

16.3.7 Is-Sindku propona sabiex isir ħarġa fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm fix-xahar ta' Mejju 2025. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

16.3.8 Is-Sindku għamel referenza għall-laqgħa li kellu mall-Onor. Zrinzo Azzopardi u Onor. Bonett dwar il-binja tal-Kunsill, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li hemm art tal-Gvern li tista' tingħadda lill-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-Onor. Zrinzo Azzopardi talab lill-perit tal-Kunsill sabiex jagħmel l-applikazzjoni ta' GOV 1 mall-Awtorita tal-Artijiet.

16.3.9 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħlijiet fil-Ġnien Raymond Caruana mixjin tajjeb ħafna u mistenni li lejn l-aħħar ta' dan ix-xahar jinbeda l-wiċċ. Is-Sindku żied jgħid li mall-istess gargaza ser jiżdied id-dawl tul il-passaġġi kollha.

16.3.10 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li għal proġett ta' Vjal Kulħadd ser ikun qed isir proġett fi Triq Bir Miftuħ u fl-ispazju miftuħ tal-Qalb ta' Ġesu'. Is-Sindku preżenta l-proġett ta' kif ser isir ir-riġenerazzjoni ta' dan il-ġnien, u dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

16.3.11 Is-Sindku preżenta kwotazzjoni għal żbir ta' siġar fil-Housing Estate tal-Mitħna, fejn dawk preżenti approvaw din il-kwotazzjoni li tammonta għal €1,115.

16.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ser ikunu qegħdin isiru xogħlijiet biex titkompla l-aħħar parti ta' Triq Mons. Pawlu Mallia ma' Triq Santa Marija, liema xogħlijiet ser isiru minn IM.

16.3.13 Is-Sindku propona sabiex jinxtraw tlett slaleb għal mall-faċċata tal-Kunsill sabiex dawk jinxtegħlu għal matul il-Ġimgħa Mqaddsa.

16.3 14 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħatet mingħand il-librara sabiex jinxtraw xi kotba għall-librerija tal-Gudja. Il-Kunsill talab sabiex jintbgħatu l-kwotazzjonijiet umbgħad jiddeċiedi liema kotba ser jinxtraw.

16.3.15 Ġiet moqrija l-korrispondenza dwar charging pillars fil-lokalita tal-Gudja, fejn il-Kunsill qabel li jitlob sabiex isir charging pillar ġdida fi Triq Bir Miftuħ.

16.3.16 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien talab kwotazzjoni sabiex tiġi nstallata belishia light maz-zebra cross ta' Vjal it-Torri.

16.3.17 Ġew preżentati l-kwotazzjonijiet relatati mas-sings tal-latrina pubblika ta' Triq William Baker. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta' Jacap Ltd għal prezz ta'€76.

16.3.18 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħtet mill-Għaqda Mużikali Marija Assunta dwar attivita' li ser isir fit-30 ta' Marzu 2025 fl-area ta' Loreto u sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament biex jinġiebu żewġ mobile toilets għal waqt din l-attivita'. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

16.3.19 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet minn Project Green, fejn il-Kunsill talab diversi arbuxelli u siġar sabiex jiġu mwaħħla f'diversi open spaces.

16.3.20 Ġiet preżentata korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Nofsinhar dwar l-inizjattiva relatata mall-Festa ta' San Girgor, fejn l-istess Reġjun nfurmana li ser ikun qed jagħti xi fondi għat-trasport għal dakinhar tal-ħarġa.

16.3.21 Preżentat ir-Rapport ta' Ħidma li saret matul is-sena 2024 u dak li huwa ppjanat li jsir matul is-sena 2025.

16.3.22 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-accountant tal-Kunsill għal raġuni personali nfurmatna li ser tieqaf tagħtiena s-servizz. Il-Kunsill ġabar diversi kwotazzjonijiet u l-irħas offerta kienet tal-kumpanija OPES Ltd. Il-Kunsill approva lil l-Kunsill jibda juża servizz ta' din il-kumpanija.

16.3.23 Is-Sindku talab biex isir Change Request għall-proġett taħt il-Miżura 4.3 sabiex jiġġedded iż-żmien sa' Ġunju 2025. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

16.3.24 Is-Sindku għamel referenza għal diversi Skemi li ħarġu minn naħa tad-DLG, fejn is-Sindku propona sabiex għall-attivitajiet annwali, l-Kunsill japplika biex isir Festa Agrarja fil-Gudja fit-tielet weekend ta' Mejju tas-sena 2026. Għal din l-attivita' jkunu esebiti diversi annimali, makkinarju agrikolu, bejjiegħa ta' frott u ħxejjex, bejgħ ta' fjuri, snajja', kant folkloristu, għana fost oħrajn. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

16.3.25 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza li ntbgħatet mir-Reġjun dwar xi xogħlijiet u manutenzjoni li jisgħtu joffru minn naħa tagħhom, fejn il-Kunsill għamel it-talba biex isir xogħol ta' tikħil u xkatlar fl-ispazju miftuħ ta' Wesgħa Anġlu Dalli.

16.3.26 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li t-talba tal-Kunsill relatata mall-skema t'għajnuna finanzjarja relatata mall-Ġimgħa Mqaddsa ġiet approvata minn naħa tar-Reġjun Nofsinhar.

**16.4 Arranġamenti fil-pjazza tal-Gudja;**

Is-Sindku reġa' għamel referenza għas-sitwazzjoni ta' dak ix-xifer li tħalla fin-nofs tal-pjazza, fejn qed joħloq inkonvenjent u qed ikun ta' periklu għal kull min jgħaddi minn din it-triq. Is-Sindku propona sabiex terġa tintbgħat email lill-perit ta' IM li l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli f'każ ta' inċident li jista' jiġi kkawżat. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**16.5 Sejħa għall-offerti: Xiri tal-van għal komunita';**

Is-Sindku propona li l-Kunsill joħroġ is-sejħa għall-offerti għal xiri ta' van elettriku għal komunita' mill-fondi tal-LESA li l-Kunsill għandu disponibbli għalih. Il-Kunsill approva unanimament li l-Kunsill joħroġ is-sejħa għall-offerti.

**16.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

16.6.1 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal fejn qed jogħqod l-ilma fejn il-Knisja ta' Loreto.

16.6.2 Il-Kunsilliera C Chetcuti proponiet sabiex il-Kunsill jixtri xi ħaġa żgħira lit-tfal li ser ikunu ħa jattendu l-quddiesa tal-Għid tal-Ħadd filgħodu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

16.6.3 Il-Kunsilliera C Chetcuti għamlet referenza għall-użu tas-sala tal-iskola primarja ta' St. Joan Antide, fejn minn naħa tagħha ċċekkjat u ġiet nfurmata li sala hija disponibbili kull nhar ta' Tnejn. Is-Sinjura Chetcuti żiedet tgħid li hi ser tiċċekkja jekk hemmx xi spejjez relatati biex tintuża din is-sala.

**16.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

Refer to 16.3.9

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ tal-inħawi tal-Loreto kienu waslu fl-aħħar. Is-Sindku talab biex isir Change Reuqest sabiex jiġedded iż-żmien sa' Ġunju 2025 sabiex jitlesta u jingħalaq dan il-proġett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

c. Miż 4.3 – Toroq Rurali - progress
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

**16.8 Rapporti**

Ma kienx hemm

**16.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

16.9.1 Il-pagamenti nru 9/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera C Chetcuti u sekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €30,931.92 u ġiet approvata nem con.

**16.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija (7:20pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 1 ta' April 2025 fl-4.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Is-Sindku propona sabiex il-laqgħa tal-komunita' ssir dakinhar stress wara laqgħa tal-Kunsill fis-6.30pm.

Konfermati, illum it- Tlieta 1 ta April 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv